**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**
**Decizjoni Preliminari Numru: 2621**

Każ Numru 3666/CCG

Fit-Tilwima tax-Xogħol
Bejn
Malta Union of Bank Employees (MUBE)
U
Bank of Valletta (BOV)

Dwar: il-ħlas ta' aġġustamenti fil-paga fi gradi fejn hemm membri tal-union, u dan wara li l-Bank daħal fi ftehim ma' union oħra li permezz tagħha impjegati fi gradi oħra qed jiġu trattati b'mod aktar vantaġġjuż

Chairperson: Dr. Charmaine Cristiano Grech
Membri: is-Sinjura Antoinette Caruana u s-Sur Chris Attard

Illum 9 ta' Ottubru 2019

Preliminari

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal wara ittra mgħoddija lil-Onor. Ministru minn William Portelli, President tal-Malta Union of Bank Employees fejn informa lill-Onor Ministru li l-MUBE jinstab f'tilwima mal-Bank dwar ħlas ta' aġġustament fil-paga fejn hemm membri tal-union, u dan wara li l-Bank daħal fi ftehim ma' union oħra li permezz tagħha impjegati fi gradi oħra qed jiġu trattati b'mod aktar vantaġġjuż, u fejn it-Tribunal ġie mitlub jiddikjara li l-aġir tal-Bank mhuwiex iġġustifikat u jikkostitwixxi diskriminazzjoni u jordna lill-Bank jiddesisti minn dan l-aġir u jordna lill-Bank jagħmel dak kollu neċessarju biex jirrimedja l-pożizzjoni tal-ħaddiema affetwati.

It-Tribunal ra r-risposta tal-Bank fejn irrileva li, b'mod preliminari, l-MUBE qed tressaq il-quddiem talba għan-nom ta' membri tagħha fir-rigward ta' ftehim iffirmat u rikonoxxut mal-union rikonoxxuta mill-Bank u ċjoe l-General Workers Union (GWU), u għaldaqstant invokat l-artikolu 5 tal-LS 452.112 li jistipula ċar li union mhux rikonoxxuta ma tistax tintervjeni fuq materji kollettivi relatati mal-impjieg tal-prinċipal, u anzi żżid li l-prinċipal ma għandux jidħol f'diskussjonijiet dwar materji kollettivi ma' ħaddiema jew rappreżentant tagħhom jekk mhux il-union rikonoxxuta, kwindi l-Bank eċċepixxa l-insostenibilita' tad-disputa reġistrata u l-azzjoni mressqa mill-MUBE.

Provi u trattazzjoni

Il-partijiet iddikjaraw li qed jistrieħu fuq il-provi dokumentarji u għamlu trattazzjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari imressqa mill-Bank.

Kunsiderazzjonijiet

It-Tribunal ra l-provvedimenti tar-regolament 5 tal-Liġi Sussidjarja 452.112 intitolati 'Rikonoxximent tat-Trade Unions' li jistipola s-segwenti:

*Ġaladarba union tiġi rikonoxxuta bħala l-unika union li tista' tinnegozja fuq il-post tax-xogħol, l-ebda union oħra ma tista tintervjeni fuq materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati mal-prinċipal, u min-naħa l-oħra, l-ebda prinċipal ma jista' jiddiskuti xi materja kollettiva relatata mal-impjegati konċernati ma' union li mhijiex il-union rikonoxxuta.*

U jaqbel mal-argument tal-Bank li l-MUBE ma tistax tintervjeni fil-materja stante illi hemm il-GWU illi hija l-union rikonoxxuta.

It-Tribunal iżda jżid li impjegati li huma msieħba f'union mhux dik rikonoxxuta ma jistgħux jiċċaħħdu mid-dritt illi primarjament, jissieħbu mal-union li jixtiequ huma u ukoll ma jistgħux jiċċaħħdu mid-dritt illi jkollhom rimedju effettiv permezz tat-Tribunal Industrijali.

Jekk wieħed jara d-definizzjoni ta' "tilwima ta' xogħol" fil-Kap. 452 hija ċara illi din il-kwistjoni taqa' fid-definizzjoni ta' tali għaliex it-Tribunal għandu quddiemu tilwima bejn principal u ħaddiema.

Deċiżjoni

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Bank iżda jordna lill-MUBE jippreżenta lista tal-impjegati in kwistjoni sabiex is-smiegħ tal-każ ikun jista' jipprosegwi f'isem l-individwi proprji kontra l-Bank, bl-eventwali korrezzjoni fl-okkju tal-kawża ġialadarba tiġi ppreżentata din il-lista.

| | | |
|---|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Avv. Charmaine Cristiano Grech LL.D.<br>Chairperson | Chris Attard<br>Membru | Antoinette Caruana<br>Membru |

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju